MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 170/2013

**Appell Nru. 170/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maria Stella Attard)**
**Vs**
**John Sant**

**Illum 19 ta’ Frar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 585974(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta’ Ottubru, 2011 ghall-habta ta’ 09.40 hrs fi Triq il-Manikata, Mellieha :

1. saq vettura numru DAU-627 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);

2. saq vettura numru DAU-627 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3. kif ukoll waqt li kien qed isuq l-istess vettura numru DAU-627 garr taghbija li kienet mhux mghottija kif imiss sabiex jigi pprevenut li xi parti minnha taqa` fit-triq jew mod iehor tipperikola s-sigurta` tat-traffiku jew tal-persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' April, 2013 li biha, sabet lill-appellant hati ta` l-akkuzi kif migjuba w ikkundannatu multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) pagabbli fuq medda ta' sentejn, u ssospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors ta' l-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' April, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-appell l-esponent ma kienx qed isuq il-vettura tieghu fi triq pubblika izda se mai fi propjeta` privata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant John Sant huwa proprjetarju ta' vettura numru DAU -627. Fit-Tmienja u ghoxrin ta' Ottubru tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta ta' 9.40 hrs din il-vettura kienet misjuqa mill-appellant fi Triq Manikata, Mellieha. PS 305 A. Gauci induna illi d-diska tal-licenzja kienet skaduta u ghalhekk waqqaf lis-sewwieq li rrizulta li kien l-appellant u meta kellmu sab illi kemm il-licenzja kif ukoll l-assikurazzjoni kienu ilhom skaduti minn April tal-elfejn u hdax (2011). Oltre dan, instab li l-appellant kien qed isuq it-truck mghobbi bil-materjal tal-

bini li ma kienx mghotti kif suppost. L-appellant gie ordnat sabiex ma jsuqx l-imsemmi vann u li kien se jitressaq il-Qorti. B’sentenza moghtija fid-disgha (9) ta’ April tal-elfejn u tlettax (2013) (fol. 15) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghall-multa ta’ elfejn u hames mitt ewro (€ 2500) u ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sena. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi dherlu illi ma kellux jinstab hati peress li l-vettura kienet qieghda tinstaq fil-proprjetà privata tieghu u mhux fit-triq.

Ikkunsidrat:

L-appellant xehed illi kien minnu illi kien qed isuq din il-vettura u li kien minnu wkoll illi kienet minghajr licenzja u assikurazzjoni, però kien qed isuqha fi sqaq privat biex iwassalha minn garaxx ghal iehor u mhux biex juzaha fit-triq. L-ewwel Qorti però ma emmnitx il-verzjoni tal-appellant u qaghdet fuq l-affidavit guramentat ta’ PS 305 A. Gauci illi qal kategorikament illi ra lill-appellant isuq il-vettura tieghu fi Triq il-Manikata, Mellieha, waqt illi kien patrol fl-istess triq. L-appellant argumenta illi la darba kien hemm konflitt fil-provi, allura l-Qorti jmissha tat il-beneficcju tad-dubbju lilu u illiberatu mill-akkuzi u mhux emmnet lis-surgent illi ma deherx il-Qorti u qaghad biss fuq l-affidavit tieghu.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt tal-provi trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen jew f’hiex ser temmnu jew ma temmnux (Il-Pulizija versus Joseph Thorn, Appell Kriminali, 9 ta’ Lulju 2003). L-ewwel Qorti dehrilha illi kellha toqghod fuq ix-xhieda tas-surgent u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni il ghala ghanda tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Fil-kawza Repubblika ta’ Malta versus Ivan Gatt, Appell Kriminali l-1 ta’ Dicembru 1994, il-Qorti qalet, “fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq l-apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta ... il-funzjoni, anzi d-dover, ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.”

Din il-Qorti jidhrilha illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti li temmen lis-surgent u mhux lill-appellant ma tivvjolax il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat izda ibbazata fuq apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti liema apprezzament f’dan il-kaz m’ghandux jigi disturbat.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------